MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' April, 2011

Avviz Numru. 89/2010

**Emanuel Azzopardi ID Card No 751644M u martu Giorgina Azzopardi ID Card No 857644M u Alex Iavarone ID Card no 228851M u martu Mary Iavarone ID 107352M**

**Vs**

**Adrian Busuttil u martu Mary Rose Busuttil**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex l-intimati jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jkunu kkudannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma komplessiva ta’ €8118.48 (tmin t’elef mija u tmintax il-ewro u tmienja u erbghin centezmu), kwantu ghal €6381.21 bhala kera tal-garage Nru 4, Azzopardi Garage, Triq il-Handaq, Qormi, lill-konvenuti mikri mill-atturi li tieghu huma l-propjetarji, kwantu ghal

€1737 bhala ammont dovut tad-dawl u ilma rigwardanti l-istess garage.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-8 ta' Jannar 2010 u 8 ta' Marzu 2010 kontra l-intimati u bl-interessi relattivi skond il-ligi kontra ukoll l-istess intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimati (fol 24 tal-istess atti) u li biha esponew bir-rispettt:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi l-ammont pretiz minnhom m'huwiex dovut kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;
3. Bl-ispejjez.

Rat dak verbalizzat a fol 25 ibid dwar l-eccezzjoni kif sottomessa mill-konvenuti/intimati.

Rat ukoll in-nota tal-atturi (fol 26 ibid) u li biha irriducew l-ammont mitlub fis-somma ta' €1000 stante pagament ta' dan l-ammont, in rigward dak mitlub bhala dawl u ilma, fil-mori tal-kawza u ghalhekk l-ammont ghadu dovut mill-intimati huwa ta' €7118.48.

Rat in-nota ulterjuri presentata mill-istess atturi (fol 29 ibid) u li biha l-ammont in kwistjoni gie, ulterjorment, ridott ghal €4255.06.

Rat in-nota a fol 36 ibid u li biha l-istess ammont mitlub gie ulterjorment ridott ghal €3517.79.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ammont, mitlub komplessivament mill-atturi, l-attur Emanuel Azzopardi (fol 32 et seq ibid) xehed billi kkonferma 'statement' esebit minnu, dwar l-ammont dovut illum wara li saru l-hlasijiet da parti tal-intimati, kif di gja hemm premess fin-noti ta' riduzzjoni hawn fuq indikati.

Difatti, minn dan id-dokument, jirrisulta li l-ammont mitlub in konnessjoni ma konsum ta' dawk u ilma gie mhallas kollu kemm hu fil-mori ta' din il-kawza waqt li fuq dak mitlub, bhala kera dovut, kien sar hlas ta' €2863.42 u, ghalhekk, fadal bilanc li ghad jithallas ta' €3517.79 (ara ukoll dak dikjarat fl-istess 'statement' wara l-ittra N.B.). Dwar dak specifikat fl-istess dokument, l-intimat fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2011, kien iddikjara li kien jaqbel ma dak kollu li hu mnizzel fuqu.

Illi, ghalhekk, l-intimati ghandhom jhallsu dak risultanti mill-imsemmi 'statement' ossija €3517.79. Jigi, pero, rilevat illi ma hemm indikazzjoni mill-provi dwar meta saru pagamenti akkont mill-intimati. Dan qed jinghad in konnessjoni mal-imghaxijiet. Ghalhekk, f'dan il-kaz, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tal-ewwel ittra ufficjali msemmija fir-rikors promotor u fuq l-ammont finali ta' €3517.79.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' it-talba attrici kif ridotta, u tikkundanna lill-intimati/konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' €3517.79 bl-imghax legali mit-8 ta' Jannar 2010 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-8 ta' Jannar 2010 u tat-8 ta' Marzu 2010. B'riserva 'si et quatenus' ghal kull azzjoni ulterjuri favur l-atturi dwar ammont ulterjuri li jistghu jkunu dovuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------